# Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imħallef Giovanni M Grixti LL.M., LL.D

Appell Nru. 324/2016

**Il-Pulizija**

**(Supretendent Dennis Theuma)**

**vs**

**Christopher Busuttil**

Seduta tad-29 ta' Settembru, 2022

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-appellant, Christopher Busuttil detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 207983M quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli f'dawn il-Gżejjer fis-26 ta' Ġunju, 2004 u fix-xhur ta' qabel b'diversi atti magħmulin minnu wkoll jekk fi żminijiet differenti iżda li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-liġi w magħmula b'riżoluzzjoni waħda;

1. Assoċja ruħu ma' xi persuna jew persuni oħra f'dawn il-ġzejjer jew barra minn dawn il-ġzejjer sabiex ibiegħu jew jittraffikaw mediċina (raża tal-cannabis u ecstasy) f'dawn il-Gżejjer kontra d-

disposizzjonijiet ta' din l-Ordinanza, jew li ippromovew, ikkostitwew jew organizzaw jew iffinanzjaw l-assoċjazzjoni.

2. Ipproduċa biegħ jew xort'oħra traffika fir-raża meħuda mill-pjanta Cannabis, jew/xi preparazzjonijiet li jkollhom bħala bażi din ir-raża, u dan bi ksur tal-artikolu 8 (b) tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta.

3. Aktar talli fl-istess perjodu ta' żmien u ċirkostanzi kkonsenja mediċina ristretta u psikotropika (ecstasy) lil xi persuna oħra li ma kienx spiżjar diligenti jew ma kienx xort'oħra awtorizzat bil-mod xieraq biex ikollu fil-pussess tiegħu dik il-mediċina bi ksur ta' regolament 10 (2) tal-Avviż Legali 22 ta' 1985 kif sussegwentement emendat u 40A u 120A u t-Tielet Skeda tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li għandhom x'jaqsmu magħha (Kap 31) u l-artikolu 16 tal-Att V tan-1985 kif sussegwentement emendati.

4. Kellu fil-pussess tiegħu mediċina ristretta psikotropika meta ma kienx awtorizzat kif imiss bi ksur tar-regolament 5 (1) tal-Avviż Legali 22 tal-1985 kif sussegwentement emendat u 40 (A) u 120 (A) u t-tielet skeda tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijisti li għandhom x'jaqsmu magħha Kap 31 tal-Liġijiet ta' Malta u l-Artikolu 16 tal-Att V tal-1985 kif emendat.

5. Kellu fil-pussess tiegħu r-raża meħuda mill-pjanta cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bħala bażi din ir-raża u dan bi ksur tal-artikolu 8 (A) tal-Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta.

6. Aktar talli kkommetta l-imsemmija reati kriminali fi/jew ġewwa distanza ta' mitt metru mill-perimetru ta' skola, club jew ċentru taż-żgħażagħ bi ksur tal-artikolu 22 sub inċiż 2(II) tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, tat-13 ta' Ġunju, 2016 li biha fil-waqt li lliberat lill-imputat mill-ewwel, it-tielet, u s-sitt imputazzjonijiet dedotti kontrih, sabitu ħati tat-tieni, ir-raba' u l-ħames imputazzjonijiet u kkundannatu għal piena ta' sitt xhur priġunerija effettiva u multa ta' elfejn Euro (€2,000), li bl-applikazzjoni tal-Artikolu 14(2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta tista' titħallas b'rati mensili u konsekuttivi ta' sittin Euro (€60.00). L-ewwel pagament għandu jsir mhux akar tard minn xahar mid-data li fiha l-ħati jiskonta l-piena karċerarja, u għal dan il-fini r-Reġistratur għandu jivverifika mal-awtoritajiet karċerarji din id-data. Pero' jekk il-ħati jonqos li jħallas pagament wieħed, il-bilanċ jiġi dovut minnufih u jiġi konvertit fi priġunerija bir-rata ta' ġurnata ħabs għal kull ħamsa u tletin Euro (€35.00) dovuti;

Inoltre, il-Qorti ordnat lill-ħati iħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra tal-esperti skont l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, liema spejjeż jammontaw għas-somma ta' tlett mija u sebgħin Euro u disa' u tletin ċenteżmu (€370.39) – ekwivalenti għal mija u ħamsa u disgħin Lira Maltija u ċenteżmu (Lm159.01) - li għandhom jitħallsu fi żmien sitt (6) xhur mil-lum, b'dan li jekk il-ħati jonqos li jħallas dan l-ammont jew parti minnu fiż-żmien lilu preskritt, l-ammont jew il-bilanċ jiġi dovut minnufih u jiġi konvertit fi priġunerija bir-rata ta' ġurnata ħabs għal kull

ħdax-il Euro u ħamsa u sittin ċenteżmu (€11.65) dovut. Il-Qorti tordna li d-droga u l-affarijiet konnessi magħha eżebiti jiġu distrutti taħt is-superviżjoni tar-Reġistratur.

Rat ir-rikors tal-appell ta' Christopher Busuttil ppreżentat fir-reġistru ta' din il-Qorti fit-23 ta' Ġunju, 2016 li bih talab lil din il-Qorti jogħġobha **tirriforma** s-sentenza appellata billi filwaqt li tikkonfermaha fil-parti fejn ma sabitx lill-appellant ħati tal-ewwel, it-tielet u s-sitt imputazzjoni miġjuba kontra tiegħu u kien illiberat minnhom, **tħassarha** u tirrevokaha in kwantu fejn sabitu ħati tat-tieni imputazzjoni u tilliberah mit-tieni imputazzjoni, ħtija u piena.

Rat l-aggravji tal-appellant;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat:

1. Illi, l-fatti ta' dan il-kaz brevement rakkontati huma li b'konnessjoni ma' kaz iehor ta' allegat traffikar ta' droga, l-Pulizija accedew fir-residenza tal-imputat u fil-kamra tas-sodda tieghu sabu lilu qed ipejjep aktarx il-cannabis. Fil-kamra sabu ukoll bicciet tar-raza tal-cannabis b'pizijiet differenti , wahda ta' 0.21g , ohra ta' 0.297 g u diversi blokok ohra li flimkien kienu jammontaw ghall piz ta' 3.91 gm b'total, allura ta' 4.433 gm. Mehud fil-kustodja tal-Pulizija huwa rrilaxxja stqarrija u ddikjara li dik id-

droga kienet tieghu izda gieli kien jaqsam mal-hbieb tieghu bla hlas u huma jaqsmu mieghu meta ma jkollux u zvela ukoll l-persuna li kien jixtri minghandha. Quddiem l-ewwel Qorti diversi snin wara, ghamel xi kjarifiki ghal dik l-istqarrija li fi zmien meta inghatat kien inezistenti id-dritt tal-assistenza legali waqt l-interrogatorju. L-imputat, izda, kien liberat mill-ewwel imputazzjoni, dik ta' assocjazzjoni ghal skop ta' traffikar kif ukoll minn dik ta' konsenja ta' droga u mill-aggravju ta' dan l-eghmil f'distanza ta' mitt metru minn skola, club jew centru taz-zaghzagh. L-ewwel Qorti, izda, sabitu hati ta' traffikar ta' cannabis, pussess ta' medicina psikotropika u tad-droga cannabis u l-appell odjern huwa limitat ghas-sejbien ta' htija ta' traffikar b'dan, allura, li s-sejbien ta' htija dwar il-pussess mhux qed tkun kontestata;

2. Illi l-appellant jillanja s-sentenza appellata b'aggravju singolari essenzjalment dwar l-apprezzament tal-provi maghmul mill-ewwel Qorti u fil-gravam tieghu jipprezenta rassenja ta' istanzi li fihom il-Qorti kellha taghraf inkonstistenza fil-provi tal-prosekuzzjoni b'mod allura li ma kellux jinstab hati tat-tieni imputazzjoni. Dan allura jehtieg ezami approfondit tal-provi minn din il-Qorti mhux biex tiddeciedi mill-gdid jew tara kif kienet tiddeciedi hi li kieku l-kaz ingieb quddiemha izda biex tkun f'qaghda tiddeciedi jekk l-ewwel Qorti qabilha setghetx ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha. Fi kliem iehor dak li issa qed ikun skrutinat hija s-sentenza tal-ewwel Qorti;

3. L-ewwel argument kontemplat mill-appellant hu li la darba l-ewwel Qorti ddikjarat li ma kienitx qed temmen lix-xhud Clifton Buttigieg meta qal li kien iqassam id-droga ghall-klijenti tal-imputat, allura ma kellux jinstab hati tat-tieni imputazzjoni, dik ta' traffikar. L-ewwel Qorti lanqas ma emmnet lil Buttigieg meta qal li l-imputat kien jaghtih id-droga biex jaqsmuha flimkien u jghid li dan kellu l-interess jitfa l-htija fuq l-imputat billi jpingieh bhala traffikant. Din il-Qorti qrat b'attenzjoni partikolari d-deposizzjoni ta' Buttigieg u bhall-ewwel Qorti qabilha ma tara xejn kredibbli fiha. Dan ix-xhud sahansitra jghid li kien iqassam id-droga lil klijenti tal-imputat prattikament minghajr interess ghaliex kien habib hlief li kien jghaddilu xi droga bhala kumpens. Din il-Qorti facilment warrbet xi forma ta' kredibilita' minn din id-dikjarazzjoni meta jittiehed kont ta' dak minnu stess mistqarr li kien ilu jaf lill-imputat ghal xi xaharejn fejn allura jrid lill-Qorti temmnu li kien qed jiehu dan is-sogru kollu minghajr interess ghall-persuna li sar jafha xaharejn u li kien jikkonsidra bhala habib. Sa dan il-punt, izda, l-appellant huwa konkordi mar-ragunament tal-ewwel Qorti meta *skartat din il-pova mressqa mill-Prosekuzzjoni bhala wahda inattendibbli, u kienet korretta illi taghmel dan, stante illi fil-kamp kriminali wiehed jehtieg grad gholi ta' prova*;

4. L-ilment tal-imputat, izda, hu li l-ewwel Qorti kienet zbaljata meta xorta wahda sabet htija fir-reat ta' traffikar fuq il-konsiderazzjoni illi la darba il-Kapitolu 537 tal-ligijiet ta' Malta (L-Att Dwar id-Dipendenza fuq id-Droga) jistabilixxi l-ammont ta' 3.5 grammi tad-droga Cannabis bhala meqjus li huwa ghall-uzu personali, huwa hati la darba l-piz totali tal-bicciet kien fl-ammont ta' 4.433 gm. Din il-Qorti, izda u frankament, ma tistax tifhem

ghaliex l-appellant donnu jinsisti li l-ewwel Qorti ma setghetx issib htija fir-reat ta' pussess bl-aggravju li dan ma kienx ghall-uzu esklussiv tieghu. L-imputat instab hati ta' reat ta' traffikar u mhux ta' pussess bl-aggravanti. L-interpretazzjoni skorretta tal-imputat tista' tkun dovuta ghall-fatt illi l-ewwel Qorti kkonsidrat illi l-piz differenti tal-blokok huwa sintomatiku ta' pussess mhux intiz ghall-uzu esklussiv tal-persuna;

5. Ezaminata bir-reqqa is-sentenza appellata, huwa evidenti illi d-dikjarazzjoni ta' htija kienet radikata mill-istqarrija tal-imputat konfrontata mal-ammont misjub fil-kamra tieghu. L-ewwel Qorti rriskontrat difetti fid-dikjarazzjonijiet maghmula mill-imputat u kienet tal-fehma illi ghalkemm il-piz ta' 0.215 u 0.297 grammi kienu fil-parametri ta' dak li huwa normali ghall-konsum, jista' jkun li l-impuat kien rabba aktar tolleranza ghall-ammonti akbar u dan jiggustifika l-presenza ta' blokka ta' 3.921 grammi. Kwindi, skond l-ewwel Qorti, ma kienitx qed temmen lill-imputat dwar il-kumplament tal-blokok li kellhom pizijiet differenti. Fil-fehma ta' din il-Qorti, dan ir-ragunament kellu jsib sostenn fi provi indizjarji ohra, li izda, kienu mankanti – (in-nuqqas ta' presenza ta' mizien, ezami tat-telefon tal-imputat, numri ta' kuntatti u ohra li normalment huma assocjati u indikattivi ta' attivita' ta' traffikar). L-ewwel Qorti ma emmnitx lill-imputat meta qal li kien jaqsam blokka fi blokok izghar biex ikun jaf kemm ser jiehu, izda bid-dovut rigward, l-argument jista' jkun ta' sostenn ghal dak mistqarr mill-imputat jekk ghall-uzu personali tieghu ma joqghodx jizen sal anqas punt decimali ta' gramma ghaliex min ibigh certament li joqghod attent li kemm jista' jkun ma jkunx qed jikkonsenja aktar minn dak li thallas ghalih;

6. Inoltre, jirrizulta illi kwantu s-sitt bicciet l-ohra ma kienx registrat il-piz taghhom ghajr globalment fl-ammont ta' 3.91g u l-ewwel Qorti ddividiet dan l-ammont b'sitta b'rizultat ta' 0.65 gm u kkonkludiet illi 0.65gm "*bl-ebda mod tal-immaginazzjoni ma jigi konsidrat bhala doza tipika*". Din, izda, kienet biss assunzjoni ta' l-ewwel Qorti u la darba l-prosekuzzjoni naqset milli tressaq prova tal-piz ta' kull bicca l-Qorti ma kellhiex tassumi li dawk kellhom piz ta' 0.65 gm kull wahda bil-konsegwenza naturali li allura dawk ma kienux intizi ghalih. Wara kollox instabet ukoll sikkina li kienet elevata u li allura tikkorrobora l-verzjoni tieghu li kien jaqsam il-blokka bicciet biex ikun jaf kemm ser jiehu u li allura ma kienx ghadu qasam dawk il-bicciet l-ohra fid-dozi tajbin ghalih. Tajjeb li jkun osservat ukoll illi meta l-Pulizija accedew fir-residenza tieghu sabuh ipejjep il-Cannabis u fil-kamra sabu oggetti relatati mat-tehid tad-droga inkluz karti ghat-trembil tas-sigaretti;

7. Issa, fid-deposizzjoni volontarja tieghu quddiem l-ewwel-Qorti, l-imputat xehed li flimkien max-xhud li qal li hu kien jitraffika d-droga gieli pejjep mid-droga li kienu jixtru flimkien u wiegeb fin-negattiv ghall-mistoqsija jekk qatt ghaddielu droga. Ghal din it-twegiba l-Prosekuzzjoni fakkret lill-imputat dwar dak li kien ddikjara fl-istqarrija tieghu meta qal "*Nghid illi jiena qatt ma hadt flus biss ikun hemm xi okkazzjonijiet fejn xi habib jitlobni sigarett joint u jien naghtih bicca resina biex jaghmel il-joint.* L-ewwel Qorti naturalment innotat din id-diskrepanza fil-verzjonijiet u rragunat illi "*Dan huwa attentat ovvju minn naha tal-imputat, biex idawwar dak li qal fl-istqarrija li gieli ta xi bicca rezina lil xi habib, ghal kuncett ta' dak li hu popularment maghruf bhala "trafficking by sharing" , regolat bl-Artikolu 22(9) tal-Kapitolu*

*101. Pero, fl-opinjoni konsiderata tal-Qorti, ix-xhieda tal-imputat f'dawn il-proceduri mhix kredibbli, u meta fl-istqarrija tieghu, hu qal li kien jaghti bicca raza lil xi habib tieghu li jitolbu bicca, il-mod ta kif jghidha juri bic-car li l-imputat kien itihielu minghajr ebda intenzjoni li huma jikkunsmaw dik ir-raza flimkien…";*

8. Illi in konkluzzjoni dwar l-imputazzjoni ta' traffikar, l-ewwel Qorti ddecidiet hekk: "*Apparti li dan jidher car mill-mod kif l-imputat irrisponda d-domandi fl-interrogatorju, din il-Qorti m'ghandhiex dubbju li <u>li kieku</u> l-imputat kien jikkonsma r-raza li jkun ta lil habib tieghu flimkien mieghu, dan kien jghidu wkoll fl-istqarrija. Konsegwentement, fl-istqarrija tieghu l-imputat ammetta li kien jittraffika d-droga cannabis, ghaliex kif gie ritenut diversi drabi minn dawn il-Qrati sabiex ikun hemm traffikar mhux necessarju li min jghaddi d-droga lil haddiehor mhux necessarju li dan isir ghall-flus jew korrispettiv iehor. (**Il-Pulizija vs. Marvin** Cachia, deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-26 Awwissu 1998).* [sottolinear ta' din il-Qorti]. Illi ghalhekk d-decizjoni tal-ewwel Qorti hi radikata minn zewg aspetti, dik tal-ammont ta' droga u l-istqarrija tal-imputat u dawn it-tnejn taht id-dell tal-"kieku";

9. Illi kif gia senjalat *supra*, din l-istqarrija ttiehdet fi zmien meta l-interrogat ma kellu ebda dritt ta' xi forma ta' assistenza legali liema projbizzjoni llum hija dikjarata bhala leziva tad-dritt fundamentali tal-bniedem b'mod illi sahansitra l-Kodici Kriminali kien emendat sabiex jirrifletti id-decizjonijiet tal-Qorti Ewropea ghad-Drittijiet tal-Bniedem kif ukoll tal-Qrati taghna. Huwa minnu ukoll illi fiz-zmien meta kienet prolatata s-sentenza in disamina, il-*quid juris* ma kienitx daqstant cara daqs kemm hi

llum. Issa, fi hdan il-principju stabbilit li *qua* Qorti revizorja ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni tal-ewwel Qorti dment li din setghet ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzzjoni li wasslet ghaliha, u fl-isfond ta' dak osservat *supra,* din il-Qorti ghandha a *lurking doubt* kemm l-Ewwel Qorti setghet tistrieh unikament fuq l-istqarrija tal-imputat u l-mod kif ikkonkludiet li l-ammont intercettat, li llum huwa .9 grammi oltre dak li jaghmel differenza ghall-prosekuzzjoni b'sanzjonijiet aktar severi u kemm l-fatti sehhew skond dik l-istqarrija. Taht din l-ombra, din il-Qorti mhix moralment konvinta dwar il-htija tal-imputat kif ragjonata mill-ewwel Qorti;

10. Ghalhekk ghal dawn il-motivi, qed tilqa' l-appell u konsegwentement tiddisponi minnu billi tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha f'dik il-parti li biha ma sabitx lill-imputat hati tal-ewwel, it-tielet u s-sitt imputazzjoni; tikkonfermaha f'dik il-parti li biha sabitu hati tar-raba' u l-hames imputazzjoni; thassarha f'dik il parti li biha sabitu hati tat-tieni imputazzjoni u fejn ikkundannatu ghall-terminu ta' prigunerija ta' sitt xhur u ghall-multa ta' elfejn euro (€2,000.00) u minflok tilliberah mit-tieni imputazzjoni u tikkundannah ghall-hlas ta' multa ta' tlett mitt ewro kwantu r- raba' u l- hames imputazzjoni, u tikkonfermaha fil-bqija, jigifieri fil-kundanna ghall-hlas tal-ispejjez inkorsi fil-hatra tal-esperti fl-ammont ta' €370.39 u fl-ordni ghad-distruzzjoni tad-droga esebita.